MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru. 144/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Vs**

**Mauro Zammit ta' 20 sena bin Paul u Rita xebba Mercieca,**
**imwieled Pieta fit-22 ta' Marzu, 1986 u residenti 97, Triq San Albert Gzira, detentur tal-karta ta'l-identita' 145286(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mauro Zammit li gie akkuzat talli fis-16 Frar 2007 ghal habta tas-6:45am fl-inhawi tas-Salini u l-Qawra bil-hsieb li jaghmel delitt wera dana il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-

delitt liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Akkuzat ukoll talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti u professjoni ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq PC305 Alfred Gauci kif iccertifikat minn Dr. Myriam Camilleri mill-Floriana Health Centre, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi vjolenza jew b’theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi attakkajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inakrigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filaqt li kienu jagixxu ghall-eskeuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data hin u lok u cirkostazni f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta’ qabel l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dana is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok u hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’l-awtorita jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gieb fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-dizubbedjenza jew dana l-indhil ma kien jaqa’ taht disposizzjonijiet ohra tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali jew ta’ ligi ohra.

Akkuzat ukoll tallif l-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux ismemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontrajment i-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fuq l-uniformi ta' PC 305 Alfred Gauci ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm10).

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek jew taht il-kontroll tieghek arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex tikkaccja jew tiehu ghasafar f'santwarju ta'l-ghasafar.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garrejt arma u munizzjon waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art.

Akkuzat ukoll talli f-istess data, lok u hin u cirkostanzi bieghet, esponejt ghall bejgh, garrejt, kellek fil-pussess tieghek, sparajt, uzajt, importajt jew immanifatturajt xi skratac ikkargati b'xi comb ta' daqs iktar minn 3.2mm f'dijametru.
Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zammejt arma minghajr licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura CAM 125 b'mod eccessiv.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura CAM 125 b'manjera traskurata.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura CAM 125 b'manjera perikoluza.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem hazin u oxxen fil-pubbliku.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u (Ghawdex) datati 16 ta' Frar 2005; 15 ta' Settembru 2005, 13 ta' Frar 2006 u 12 ta' Dicembru

2006 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba tordna il-konfiska ta'l-oggetti ezebiti kif ukoll tordna is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca u l-insib kif ukoll il-licenzji kollha tas-sewqan ta'l-imputat ghal mhux inqas minn sena.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet l-amissjoni ta'l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-amissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi dina ma hijiex l-ewwel okkazzjoni illi l-imputat xiref difrejgh mal-gustizzja u gie misjub hati fuq akkuzi konnessi mad-delizju tieghu tal-kacca, liema delizju iktar qieghed iwassal lill-imputat fl-inkwiet mal-gustizzja milli iservieh ta' aljenazzjoni bhal kull delizju iehor. Jidher illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut u anke skuza ruhu mal-ufficjali tal-pulizija dwar l-incident. Il-Qorti ghalhekk sejra tiehu in konsiderazzjoni dawna l-fatti meta tigi biex tinfliggi l-piena fuq l-imputat u dana sabiex l-imputat jinghata l-opportunita ghal darba ohra li jirriforma ruhu.

Illi l-Qorti wara li semghet l-ammissjoni ta'l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ma tistax hlief li issibu hati ta' dawn l-akkuzi kif dedotti u wara li rat l-artikoli 5 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal piena ta' multa ta' Lm500, liema multa ghandha tithallas fi zmien sena mil-llum. Wara li rat l-artikoli 41, 221, 91, 95, 96, 328 u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal fini ta' piena l-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u peress illi thoss illi l-prigunerija mhix idonea ghall-akkadut, qieghda taghmel ordni ta' probation

li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation illi ghandu jigi assenjat skond il-Ligi u dana ghal perjodu ta' sena mil-llum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Illi l-hati Mauro Zammit ghandu jinghata il-kura mehtiega minn psikjatra/psikologu kif jidderigi l-ufficjal tal-probation;
2. Illi matul dana il-perijodu ta' probation l-hati igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer ihoss li jkunu necessarji sabiex l-hati ma jiffrekwentax postijiet in konnessjoni mad-delizju tieghu tal-kacca u l-insib;
3. Li l-hati jibqa' izomm kuntatt kontinwu mal-Probation Officer skond id-direttivi li dana jaghtih minn zmien ghal zmien u anke li jircevi zjarat ta'l-istess Ufficjal tal-Probation fid-dar tar-residenza tieghu;
4. Li l-hati jgharraf lill-Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu.

Il-Qorti qieghda tinfliggi dina l-piena tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-problema serja li jidher illi ghandu l-imputat minhabba id-delizju tieghu tal-kacca, li kif inghad qieghed kontinwament iwasslu ghal problemi kbar mal-gustizzja. Illi minhabba f'din ir-raguni il-Qorti thoss illi l-hati ghandu bzonn ghajnuna sabiex jirriforma l-imgieba tieghu u ghal dana il-ghan ghalhekk ikun ghaqli li jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' dan l-ordni u tiddikjara illi qieghda tordna illi kopja ta' dina l-ordni tinghata lill-hati u lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation li ghandu jassenja ufficjal tal-probation ghal hati.

Inoltre il-Qorti qieghda  tissosspendi il-licenzja mahruga f'isem l-hati ghal kacca u l-insib ghal zmien sentejn mil-lum u tordna il-konfiska  ta'l-arma tan-nar favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti, a tenur ta’l-artikolu 392A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna illi l-atti flimkien ma’ kopja ta’ dina s-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini ta’l-artikolu 410(3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------